MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1108/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Josef Farrugia (K.I. 310478M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet hlas ta' elf, tliet mija wiehed u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,321.93) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 423978 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-4 ta' Lulju, 2011 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------